MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 432/1990/1

**Joseph Felice Pace ghan-nom u in rapprezentanza ta’ A.V. Bartoli & Sons (Insurance Services) Limited u dawn bhala agenti tas-socjeta` assikuratrici estera Legal and General Assurance Society Limited kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assigurat taghha Aluminium Extrusions Limited u b’nota tat-8 ta’ Ottubru 1991**
**David Warrington ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Allied Insurance Services Limited assuma l-atti tal-kawza**
**flok Joseph Felice Pace ghan-nom tas-socjeta` A.V. Bartoli & Sons (Insurance Services) Limited stante kambjament fir-rapprezentanza**

**tas-socjeta` estera Legal and General Assurance Society Limited.**

**v.**

**Francis Vella ghan-nom u in rapprezentanza ta' Express Trailers Limited u Joseph Apps ghan-nom u in rapprezentanza ta' Sea Malta Company Limited.**

**Il-Qorti:**

**I. PRELIMINARI**

1. Din hija kawza ghar-rizarciment ta' danni kawzati waqt garr ta' merkanzija. Is-socjeta` Aluminium Extrusions Limited esportat partita aluminium profiles u assigurat it-trasport taghhom permezz ta' polza ta' assigurazzjoni mas-socjeta` estera attrici Legal and General Assurance Society limited tramite r-rapprezentanti taghha f'Malta. Il-merkanzija kellha titwassal fid-destinazzjoni taghha mill-vettural cioe` s-socjeta` konvenuta Express Trailers Limited, u din is-socjeta` inqdiet bis-servizzi tas-socjeta` konvenuta l-ohra Sea Malta Company limited biex ittrasportat it-trailer li fuqu kienet moghbbija il-merkanzija, minn Malta sal-port ta' Livorno. Irrizulta li l-merkanzija twasslet fid-destinazzjoni taghha bi hsarat konsiderevoli. Is-socjeta` assigurata, Aluminium Extrusions Limited, ressqet it-talba taghha ghar-risarciment tad-danni li sofriet u rrizulta li s-socjeta` attrici hallset lill-assigurat taghha s-somma ta' erbatax-il elf mitejn u tmienja u sebghin lira (Lm14,278.00) u dan issurrogaha fid-drittijiet tieghu. F'din il-kawza s-socjeta` assikurattrici attrici qeghdha titlob minghand iz-zewg socjetajiet konvenuti li jhallsu din is-somma li hija kienet hallset lill-assigurat taghha ghax tippretendi li d-danni fil-merkanzija in kwistjoni, li graw waqt il-garr ta' l-istess merkanzija, kienu jahtu ghalihom l-istess zewg socjetajiet konvenuti.

2. Is-socjeta` attrici ressqet il-kaz taghha quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc permezz ta' citazzjoni prezentata fis-16 ta' April 1990. Ic-citazzjoni tghid li fit-12 ta' April 1989 kienet telqet minn Malta konsenja ta' aluminium fuq trailer u din giet ikkonsenjata bi hsara lis-

socjeta Delta Aluminio fi Brescia, l-Italja fis-27 ta' April 1989. Kif inghad, is-socjeta` attrici halset is-somma ta' erbatax-il elf mitejn u tmienja u sebghin lira (Lm14,278.00) ghall-hsarat lis-socjeta` Aluminium Extrusions limited li kienet assigurata maghha u giet surroggata fid-drittijiet tas-socjeta` assigurata. Billi s-socjeta` attrici qeghdha tghid li s-socjetajiet konvenuti jahtu talli saret din il-hsara, hija talbet lil dik il-Qorti li tiddikkjarhom responsabbli ghat-telf u danni msemmija u li tikkundannahom, jew min minnhom, sabiex ihallsu bhala danni l-istess somma flimkien ma' l-imghax u l-ispejjez.

3. Is-socjeta` konvenuta Express Trailers limited resqet eccezzjoni li t-talbiet, sa fejn maghmula kontra taghha, kienu nfondati, billi hija ma ghandhiex twiegeb ghad-danni, u billi f'kull kaz, is-somma mitluba hija esagerata.

4. Is-socjeta` konvenuta Sea Malta Company resqet hames eccezzjonijiet li minnhom l-ewwel wahda giet sorvolata. It-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames eccezzjoni kienu dawn:

2. li l-Qorti ma kellhiex gurisdizzjoni, skond il-ftehim stipulat fil-polza tal-karigu.

3. li s-socjeta` konvenuta ma ghandha l-ebda relazzjoni mas-socjeta` attrici, u ghalhekk ghandha tinheles mill-harsien tal-gudizzju.
4. Is-socjeta` konvenuta ma tahtix ghall-hsarat billi t-trailer kien mghobbi bhala "*said to contain shippers count and tally*" u barra minn hekk il-polza tghid li "*vessel not responsible for damages and/or shortages*".

5. L-Artikolu 19 tal-polza fih ftehim dwar "*limitation of liability*".

5. L-Onorabbli Qorti tal-Kummerc iddecidiet il-kawza b'sentenza moghtija fis-26 ta' Novembru 1999. Biha cahdet it-talbiet tas-socjeta` attrici maghmula kontra z-zewg socjetajiet konvenuti u ordnat li l-ispejjez gudizzjarji thallashom is-socjeta` attrici, b'dana pero` li s-socjeta` Sea Company limited kellha thallas l-ispejjez tat-tieni, it-

tielet, ir-raba' u l-hames eccezzjonijiet taghha. Dik il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li kkunsidrat hekk:
"Billi xi whud mill-eccezzjonijiet tas-socjeta` *Sea Malta Company Limited* huma ta' natura preliminari, jehtieg li nqisu dawn l-eccezzjonijiet qabel ma nqisu l-meritu tat-talbiet .

"Nibdew bit-tieni eccezzjoni tas-socjeta` *Sea Malta Company Limited*, li tolqot il-gurisdizzjoni tal-Qorti.

"Din l-eccezzjoni hija mibnija fuq il-patt numru 26 fuq wara tal-polza tal-kariku[2], li *inter alia* jghid hekk:

Any claim or other dispute thereunder [i.e. taht il-polza] shall be solely determined by the English Courts unless the Company otherwise agrees in writing.

"Barra mill-fatt illi l-kopja esebita tal-polza ma hix kopja kif trid il-ligi, u fuqha ma hemm ebda firma jew sinjal ta' awtentikazzjoni, ukoll jekk naccettaw il-kopja bhala wahda vera jidher illi l-pattijiet murija fuqha huma ftehim bejn is-socjeta` *Sea Malta Company Limited* u s-socjeta` konvenuta l-ohra *Express Trailers Limited*. Is-socjeta` esportatrici Aluminium Extrusions Limited, li issurrogat lis-socjeta` attrici fid-drittijiet taghha, mahix parti fil-ftehim, u ghalhekk ma hix marbuta bih.

"Din l-eccezzjoni ghalhekk ma tistax tintlaqa'.

"L-istess jinghad ghar-raba' u l-hames eccezzjonijiet, li wkoll huma mibnija fuq pattijiet stipulati fuq il-polza. Dawn il-pattijiet, ghas-socjeta` attrici, huma *res inte alios acta*, u ghalhekk dawn l-eccezzjonijiet ukoll huma michuda.

"Inqisu issa t-tielet eccezzjoni, li tghid li ma hemm ebda relazzjoni bejn *Sea Malta Company Limited* u s-socjeta` esportatrici, u, konsegwentement, bejn *Sea Malta Company Limited* u s-socjeta` attrici, surrogata fid-drittijiet tas-socjeta` esportatrici. Din fil-fatt hija r-raguni ghala kienu michuda l-eccezzjonijiet li qisna fuq, u turi

[2] Fol. 31, tergo.

inkonsistenza fil-pozizzjoni li hadet *Sea Malta Company Limited* fl-eccezzjonijiet taghha.

“L-azzjoni tas-socjeta` attrici, izda, hija ghal danni *ex delicto*, minhabba negligenza. Ghalhekk, in-nuqqas ta’ relazzjoni kuntrattwali ma hux ta’ ostakolu ghall-azzjoni attrici, u din l-eccezzjoni wkoll hija michuda.

“Nistghu issa nghaddu biex inqisu l-meritu tat-talbiet.

“Mix-xiehda hargu dawn il-fatti: is-socjeta` *Aluminium Extrusions Limited* esportat xi aluminium profiles lejn l-Italja. Ghamlet ftehim mas-socjeta` konvenuta *Express Trailers Limited* biex il-merkanzija titghabba fuq *trailer* ta’ din is-socjeta` u, wara li jitghabba t-*trailer*, dan jittiehed l-Italja fuq bastiment tas-socjeta` konvenuta l-ohra.

“It-*trailer* ittiehed, vojt, minn *Express Trailers Limited* ghand is-socjeta` esportatrici u thalla hemm sabiex l-impjegati ta’ din ighabbu l-merkanzija fih. Wara li l-merkanzija tghabbiet minn impjegati tas-socjeta` esportatrici, it-*trailer* ittiehed mis-socjeta` *Express Trailers Limited* u ttiehed sal-port ta’ Livorno fuq bastiment tas-*Sea Malta Company Limited*. Minn Livorno, it-*trailer* regghet haditu s-socjeta` *Express Trailers Limited* u wasslitu ghand id-destinatarju fi Brescia.

“Sar *survey* u r-rapport tas-*surveyer*[3] juri li l-merkanzija kellha l-hsara ghax tghattnet u tghawget, u ghax issaddet. Ir-rapport ighid illi t-taghtin u t-tghawwig sar minhabba “*displacement of the cargo on truck*” u li l-aluminium issaddad ghax ixxarrab fl-ilma helu[4].

“Li kien gara hu li t-*trailer*, li kellu tul ta’ tnax-il metru (12m), kien tghabba bi *profiles* li whud minnhom kienu twal sitt metri (6m) u ohrajn seba’ metri u nofs (7.50m). Dawn il-*profiles* tghabbew, minn impjegati tas-socjeta` esportatrici, tarf ma’ tarf, biex hekk gew jiehdu tul ta’ tlettax-il metru u nofs (1.50m) mahrug ’il barra mit-tarf tat-*trailer*. Waqt il-garr sakemm waslu Livorno, il-*profiles*

[3] Fol. 11-20
[4] Fol. 12

iccaqalqu, u dawk li kienu fuq wara, b'metru u nofs minnhom mahrug 'il barra, izzerzu aktar lura, u ma setghux ikomplu jingarru kif kienu. Ghalhekk, dawk il-*profiles* tqieghdu fuq *trailer* iehor sabiex hekk il-konsenja waslet Brescia fuq zewg *trailers*[5].

"Kif rajna, is-*survey report* juri li l-hsara grat minhabba c-caqliq fil-merkanzija. Ir-raguni ghal dan ic-caqliq kienet li l-istivar ma sarx sew, u ghalhekk ghall-hsara ghandu jwiegeb min kien responsabbli ghall-istivar.

"Is-socjeta` konvenuta *Sea Malta Company Limited* ma kellha ebda parti fl-istivar, u ghalhekk din ma tahtix ghall-hsara; it-talbiet, safejn maghmula kontra taghha, huma michuda.

"Is-socjeta` konvenuta l-ohra, *Express Trailers Limited*, ukoll ma kinitx responsabbli ghall-istivar. Fil-fatt, kif rajna, kienu l-impjegati stess tas-socjeta` esportatrici li kienu ghabbew il-merkanzija fuq it-*trailer* li kien thalla vojt ghand dik is-socjeta` sabiex jitghabba.

"Is-socjeta` konvenuta *Express Trailers Limited*, li ipprovdiet it-*trailer*, kellha xi dmir tara li l-klijent taghha, is-socjeta` esportatrici, taghmel l-istivar sew?

"Dwar x'ghamlet is-socjeta` konvenuta, ir-rapprezentant taghha xehed hekk meta l-Qorti staqsietu jekk kinitx haga normali li jhallu li jitghabba *trailer* b'dak il-mod:

M'hijiex normali li ssir hekk; pero` l-*load* kienet gia` lesta – marbuta, jigifieri – u l-klijent insista li titlaq.[6]

"Li kieku s-socjeta` konvenuta kienet qeghdha tittratta ma' konsumatur li ma hux tas-sengha, il-Qorti kienet tasal li tghid li dejjem kellha d-dmir li ma taccettax li ggorr il-merkanzija jekk rat li ma kinitx mghobbija sew. Fil-kaz tal-lum, izda, is-socjeta` esportatrici ghandha titqies li kellha nies tas-sengha fin-negozju taghha, u s-socjeta` konvenuta setghet tassumi li dawn kienu jafu x'kienu

[5] Ara x-xiehda ta' Francis Vella fis-seduta tat-8 ta' Novembru 1996, fol. 98 et seq.
[6] Ara x-xiehda ta' Frncis Vella fis-seduta tat-8 ta' Novembru 1996, fol. 104.

qeghdin jaghmlu. F'dawn ic-cirkostanzi, is-socjeta` konvenuta kellha biss id-dmir li tesprimi d-dubji taghha dwar kif sar l-istivar; milli jidher, dan ghamlitu u l-klijent xorta "insita li titlaq" il-merkanzija. Ghalhekk, is-socjeta` konvenuta qdiet id-dmir taghha, u ma ghandhiex tkun imgieghla thallas ghl nuqqas li kien ta' haddiehor[7]."

## II. L-APPELL

6. Is-socjeta` attrici appellat minn din is-sentenza quddiem din il-Qorti b'rikors ipprezentat fis-16 ta' Dicembru 1999. Ghar-ragunijiet spjegati minnha fl-istess rikors hija qeghdha titlob li din il-Qorti joghogobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilqa' t-talbiet attrici u tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-imsemmija konvenuti.

7. Is-socjeta` konvenuta Express Trailers Limited ikkontestat l-aggravji imressqa mis-socjeta` attrici, b'risposta pprezentata fil-21 ta' Dicembru 1999. Hija sostniet li s-sentenza appellata kienet wahda gusta u timmerita konferma u ghalhekk talbet li l-appell jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici appellanti.

8. Is-socjeta` konvenuta Sea Malta Limited ukoll ikkontestat l-appell b'risposta pprezentata fit-30 ta' Dicembru 1999. Fiha mhux biss hija talbet li l-appell maghmul mis-socjeta` attrici jigi rigettat billi huwa bla bazi fil-fatt u fid-dritt izda ressqet ukoll appell incidentali li bih talbet, ghar-ragunijet spjegati minnha, li s-sentenza appellata tigi riformata billi tigi revokata biss in kwantu cahdet it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` Sea Malta Company Limited u fejn akkollat lil din is-socjeta` l-ispejjez ta' l-istess eccezzjonijiet. Talbet ukoll li s-sentenza tigi konfermata fil-kumplament – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanti.

## III. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

[7] Ara Av. Dr Stefan L. Frendo *nomine versus* Direttur tal-Kummerc *et*, Qorti Civili, Prim Awla, 7 ta' Jannar 1999.

9. Fl-aggravju taghha s-socjeta` attrici appellanti qeghdha ssostni li l-ewwel Qorti ma tatx piz ghax-xiehda ta' Dr. Ray Borg, li xehed f'isem is-socjeta` Aluminium Extrusions Limited. Huwa xehed li s-socjeta` konvenuta Express Trailers hadu hsieb jghabbu l-merkanzija u li dan kien ifisser li r-responsabbilita` kienet shiha fuq l-istess socjeta`. Is-socjeta` appellanti tkompli tghid testwalment hekk:
"Anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument wiehed ighid li kienet is-socjeta` Aluminium Extrusions li ghamlet it-taghbija xorta wahda minn ha l-inkarigu li jgorr il-merkanzija ha wkoll ir-responsabbilita` fuq ghal kif huwa sejjer igorrha. Bir-rispett kollu min kien qieghed igorr kien jaf il-merkanzija x'kienet u kif kienet stivata. Dan umilment ifisser li messu qaghad attent ghal kif u fejn din tigi mghobbija."

10. Dana l-aggravju jista' konvenjentement jigi konsidrat taht sewg aspetti. Dwar l-ewwel aspett ta' l-aggravju taghha, s-socjeta` appellanti qeghdha sostanzjalment tikkontesta l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Din il-Qorti fliet bir-reqqa l-ftit provi li tressqu f'dan il-process u ma sabet l-ebda raguni biex ma tikkondividiex dak li qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha dwar il-provi u cioe` li kienu l-impjegati tas-socjeta` assigurata li ghabbew u stivaw il-merkanzija in kwistjoni fuq it-trailer. Is-socjeta` appellanti hija zbaljata meta tghid li kienet is-socjeta` konvenuta Express Trailers Limited li hadet hsieb li tghabbi l-merkanzija fuq it-trailer. Lanqas ix-xhud Dr. Ray Borg ma xehed hekk, billi dan xehed li l-merkanzija dejjem kienet tigi stivata minnhom fuq it-trailer u spjega dettaljatament kif kienet issir it-taghbija u l-istivar tal-merkanzija fuq it-trailer mill-haddiema tieghu.

11. It-tieni aspett ta' l-aggravju ta' l-appellanti hu fis-sens li anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument wiehed jghid li kienet is-socjeta` Aluminium Extrusions Limited li ghamlet it-taghbija, xorta wahda s-socjeta` konvenuta Express Trailers Limited kienet responsabbli ghall-hsara li saret waqt il-garr ghax hija kienet taf x'merkanzija kienet u kif din kienet stivata. Issa mill-provi migbura jirrizulta li l-

haddiema tas-socjeta` Aluminium Extrusions Limited effettivament ghabbew l-aluminium profiles in kwistjoni fuq it-trailer provdut mis-socjeta` Express Trailers Limited, liema trailer kien twil tnax-il metru (12m). Dak li huwa sinifikanti hafna hu li l-merkanzija tghabbiet b'mod li l-profiles kellhom madwar metru u nofs (1.50m) minnhom jisporgu 'l barra l-parti ta' wara tat-trailer. Irrizulta li f'xi stadju waqt li t-trailer kien qed jingarr fuq il-bastiment tas-Sea Malta Company Limited il-profiles iccaqilqu u dawk li kienu fuq wara b'metru u nofs (1.50m) mahrug 'l barra zzerzqu aktar lura u b'hekk ma kienx possibbli li jingarru minn Livorna ghal Brescia kif kienu fuq it-trailer. Ghalhekk il-merkanzija tghabbiet fuq zewg trailers, u dan sar a spejjez tas-socjeta` esportattrici. Jirrizulta li l-profiles twasslu fid-destinazzjoni taghhom fuq zewg trailers. Mis-*survey report* jirrizulta li l-kawza tal-hsarat kienet "*displacemet of the cargo on truck*" cioe` minhabba li l-merkanzija iccaqilqet. Kif sewwa qalet l-ewwel Qorti r-raguni ghal dan ic-caqlieq kienet li l-istivar tal-merkanzija fuq it-trailer ma kienx sar sewwa u ghalhekk ghandu jwiegeb ghall-hsara konsegwenzjali li grat dak li kien responsabbli ghall-istivar. Dwar l-ilment tas-socjeta` appellanti li min kien qieghed igorr il-merkanzija kien jaf il-merkanzija x'kienet u kif kienet stivata u allura huwa jahti ghall-hsara, indipententement minn min kien effettivament stiva l-merkanzija, jigi relevat li l-ewwel Qorti stess bl-ebda mod ma injorat dan l-aspett u anzi dahlet f'din il-kwistjoni. Infatt hija qalet li r-rapprezentat ta' Express Trailers kien xehed, meta l-Qorti staqsietu jekk kienitx haga normali li jhallu li jitghabba t-trailer bil-mod li kien stivat, cioe` parti mill-merkanzija tisporgi 'l barra, li ma kienitx haga normali, "pero` l-*load* kienet gia` lesta – marbuta, jigifieri – u l-klijent insista li titlaq". L-ewwel Qorti qalet hekk:

"Li kieku s-socjeta` konvenuta kienet qeghdha titratta ma' konsumatur li ma kienx tas-sengha, il-Qorti kienet tasal li tghid li dejjem kellha d-dmir li ma taccettax li ggor il-merkanzija jekk rat li ma kinitx mghobbija sew. Fil-kaz tal-lum, izda, is-socjeta` esportatrici ghandha titqies li kellha nies tas-sengha fin-negozju taghha, u s-socjeta` konvenuta setghet tassumi li dawn kienu jafu x'kienu qeghdin jaghmlu. F'dawn ic-cirkostanzi, is-socjeta` konvenuta kellha biss id-dmir li tesprimi id-dubji taghha

dwar kif sar l-istivar; milli jidher dan ghamlitu u l-klijent xorta insista li titlaq il-merkanzija. Ghalhekk, is-socjeta` konvenuta qdiet id-dmir taghha u m'ghandhiex tkun imgeghla thallas ghan-nuqqas li kien ta' haddiehor".

12. Din il-Qorti ma tarax raguni valida biex ma tikkondividix din il-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti u ghalhekk evidentiment l-aggravju mressaq mis-socjeta` appellanti huwa bla ebda bazi sia fattwali kif ukoll legali.

13. Is-socjeta` konvenuta Sea Malta Company Limited ressqet appell incidentali bis-segwenti aggravji:
"Illi fl-ewwel lok id-decizjoni ta' l-istess eccezzjonijiet kienet inutili u minhgajr bzonn la darba l-ewwel Qorti kienet waslet ghad-decizjoni korretta li s-socjeta` Sea Malta Company Limited ma kinetx responsabbili ghad-danni;

Illi pero` fil-meritu dawn l-eccezzjonijiet messhom ukoll intlaqghu. L-esponent jissottometti li s-socjeta` Sea Malta Company Limited kienet qeghdha ggorr merkanzija taht kuntratt ta' nollegg. Hija ma setghetx tkun responsabbili oltre il-limiti ta' l-istess kuntratt ta' nollegg u tal-polza tal-karigu minn emessa u taht liema hija garret il-merkanzija. Ma hux permissibbli ghat-terz li jgib fix-xejn il-kundizzjonijiet taht liema merkanzija tkun ingarret billi semplicement jghid li l-bazi tal-pretensjoni tieghu hija wahda 'ex delicto' u li huwa ma hux marbut bil-kundizzjonijiet tal-polza ghax ma ghandux relazzjoni kontrattwali mas-socjeta` li tkun garret il-merkanzija. Bir-rispett kollu s-sentenza in kwistjoni tintroduci principju gdid fit-trasport marittimu li huwa ferm perikoluz u ghandu jigi rigettat;

Illi inoltre hija wkoll bla bazi guridika c-cahda ta' l-eccezzjoni ta' l-eccipjent li huwa ma ghandux relazzjoni guridika ma' l-atturi. Ir-relazzjoni ta' l-eccipjent hija ma' min inkarigah igorr il-merkanzija u huwa lil dik il-persuna li huwa tenut jirrispondi ghal dak il-garr u mhux lil terzi; hija s-sottomissjoni ta' l-esponent li r-relazzjoni ta' nollegg hija ghal kollox kontrattwali u trid tigi regolata mit- u fit-termini ta' dak il-kuntratt."

14. Il-Qorti tinnota li s-socjeta` appellanti Sea Malta Company Limited, qeghdha tappella wkoll mid-decizjoni ta' l-ewwel Qorti li biha cahdet it-tieni eccezzjoni sollevata minnha, cioe` dik dwar il-gurisdizzjoni tal-Qorti. Madanakollu, jidher car li din is-socjeta` appellanti fil-fatt ma ressqet ebda motivazzjoni fir-rikors ta' appell ghaliex il-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti dwar din l-eccezzjoni kienet zbaljata. Evidentement f'dawn ic-cirkostanzi, fejn l-aggravju ma gie motivat bl-ebda mod, din il-Qorti m'ghandhiex tiehu aktar konjizzjoni ta' l-istess ilment dwar il-gurisdizzjoni tal-Qorti, liema aspett gie korrettement deciz mill-ewwel Qorti.

15. Is-socjeta` Sea Malta Company Limited qeghdha tinsisti li l-eccezzjoni sollevata minnha, u cioe` li hija ma kellha l-ebda relazzjoni mas-socjeta` attrici u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, kienet eccezzjoni valida u ghalhekk ma jmissiex giet michuda mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti tirrileva li m'hemmx dubju li r-relazzjoni guridika bejn is-socjeta` Express Trailers u s-Sea Malta Company Limited hija wahda derivanti mill-kuntratt ta' nollegg u ghalhekk wahda kontrattwali. Pero` mill-banda l-ohra kif sewwa qalet l-ewwel Qorti vis-à-vis is-socjeta` attrici setghet inholqot relazzjoni "ex delicto" kieku gie provat li din is-socjeta` Sea Malta Company Limited ikkawzat hsara fil-merkanzija tas-socjeta` attrici b'negligenza jew traskuragni. Konsegwentement anke dan l-aggavju qed jigi michud.

16. Dwar l-aggravji l-ohra li jissemmew fl-appell incidentali in kwistjoni, jidher car li dawn huma bazati fuq xi klawsoli li jinsabu fil-polza tal-karigu. Giet esebita kopja fotostatika ta' din il-polza, li pero` fuqha ma hemm l-ebda firma jew ebda sinjal ta' awtentikazzjoni u ghalhekk ftit li xejn tista' sservi bhala prova legali fil-process fil-Qorti. Apparti dan il-kumment, pero`, din il-Qorti jidhrilha li l-ewwel Qorti kellha ragun li tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha dwar l-istess eccezzjonijiet ladarba c-citazzjoni, kif maghmula, kienet tinkorpora fiha azzjoni ghad-danni "ex delicto", nonostante l-ezistenza ta' relazzjonijiet kontrattwali bejn iz-zewg socjetajiet konvenuti, li johorgu

mill-kuntratt ta’ nollegg li kellhom bejniethom. Konsegwentement, l-appell incidentali tas-socjeta` Sea Malta Company Limited mhuwiex gustifikat u qed jigi respint.

17. Ghal dawn il-motivi tichad l-appell principali tas-socjeta` attrici kif ukoll l-appell incidentali tas-socjeta` konvenuta Sea Malta Company Limited u ghalhekk tikkonferma s-sentenza appellata moghtija mill-Qorti Civili Prim Awla fis-26 ta’ Novembru 1999. Kwantu ghall-ispejjez ta’ din l-istanza, dawk konnessi ma’ l-appell principali tas-socjeta` attrici appellanti jibqghu kollha a karigu taghha, waqt li l-ispejjez kollha konnessi ma’ l-appell incidentali tas-socjeta` konvenuta Sea Malta Company Limited ghandhom jibqghu kollha a karigu taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------